MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Numru. 197/2002

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Mamo)
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Giovanni sive John Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Giovanni sive John Micallef, ta' 38 sena, iben Carmelo u Gemma nee' Zahra, imwieled Tarxien fit-13 ta' Awissu, 1963 u residenti 'Peace Flats', Numru 2, Triq Is-Sajjieda, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 413263(M), fejn huwa gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe' nhar is-6

ta’ Marzu, 2002 u fil-jiem ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn LM 300, liema somma tappartjeni lil Joseph Mifsud u persuni ohra u li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, il-flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn LM300 bi hsara ta’ Joseph Mifsud u persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 308 u 309 u 310 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. kif ukoll ikkommetta dawn ir-reati filwaqt li huwa ufficjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar hati ta’ reat iehor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi, da, bi ksur ta’ l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku fil-kariga ta’ kuntistabbli tal-Pulizija illi qieghed sospiz, u illi, wara li gejt mgharraf skond il-Ligi b’daqshekk, kompla fl-ezercizzju ntal-kariga jew impjieg tieghu bhala kuntistabbli tal-Pulizija bi ksur ta’ l-Artikolu 134 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-27 ta’ Gunju 2002 li permezz taghha deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikoli 293, 294 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikolu 134 tal-Kodici Kriminali.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta ta’ l-24 ta’ Mejju 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed isibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-fatt lli huwa diga’ ghamel perijodu ta’ erba’ xhur u nofs taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz u l-fatt li l-ammont in kwistjoni gie ritornat lura lill-vittma. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tas-27 ta’ Gunju 2002 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Giovanni sive John Micallef ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Giovanni sive John Micallef kull sitt xhur bil-miktub.

3. Giovanni sive John Micallef ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------